Ambjent Storiku 4.4.1 & 4.4.2

# Kif kienet il-ħajja fiż-żminijiet imbiegħda – għaliex in-nies kellhom dawk il-passatempi

In-nies minn dejjem ippruvat issib modi kif tqatta' l-ħin liberu tagħha. Fl-antik, in-nies kellhom bosta passatempi, fosthom l-għana, it-tlielaq taż-żwiemel, il-festi, is-sajd, il-kaċċa, il-ħanut tax-xorb, it-tombla (passatemp fis-swali, fuq l-għetiebi u ħdejn il-baħar), eċċ.

Dawn in-nies kellhom dawn il-passatempi għax qabel la kien hawn televiżjoni, la ċinema, la radju, la kompjuter biex jilagħbu u lanqas kien hawn ċertu sports li qed naraw f'dawn iż-żminijiet, bħal tlielaq tal-karozzi. Madankollu, għalkemm issa għandna dawn il-passatempi moderni, xi wħud minn dawk l-antiki għadhom jinstabu. Xi wħud minnhom baqgħu l-istess u xi wħud minnhom, bħal per eżempju, il-mod kif sirna niċċelebraw il-festi, inbidlu xi ftit.

## Il-ĦWIENET TAX-XORB –

Fl-antik, filgħaxija wieħed kien jintefa' għand tal-ħanut, jew inkella fuq xi għatba ta' xi ħadd, u ħallihom jitkellmu fuq dak kollu li kien jiġi għal ilsienhom. Naturalment mhux l-ewwel darba li kienu jispiċċaw li joqogħdu jgħannu wkoll. Malajr kienu jipprovdu xi kitarra, kif ukoll iż-żafżafa (wieħed mill-istrumenti antiki tant popolari mal-għannejja Maltin) u ismagħhom għaddejjin. L-aktar li kien jiġbed l-attenzjoni kien l-għannej.



## L-GĦANA -

Il-kant huwa mod ta' divertiment iżda anke mod ta' informazzjoni. Meta l-irġiel kienu jgħannu, l-għana kienet tkun dwar il-ħajja ta' kuljum, jew dwar xi rakkont mill-istorja tar-raħal jew tal-gżira, kif ukoll dwar xi ħrafa. Meta wieħed kien jgħanni ikun qiegħed jagħti u jagħmel ir-rakkont aktar pjaċevoli. Apparti dan l-għana tal-fatt, xi għannejja kienu jgħannu spirtu pront, jiġifieri l-għannej jingħata suġġett u jqabbel fuqu dak il-ħin, mingħajr ma jkun ipprepara l-għanja qabel. Illum sirna nisimgħu aktar mużika moderna, imma m'hemmx dubju li l-għana għadu popolari f'xi rħula Maltin. Fl-antik l-għana kien il-mera tal-ħajja Maltija. F'xi rħula kien isir bosta għana f'lejlet il-festa. Fil-Mellieħa pereżempju, lejlet il-festa tal-Vitorja l-għana kien jibqa' sejjer sa nhar il-festa filgħodu.

Għalkemm illum naqsu ħafna l-għannejja mit-toroq u mill-ħwienet Maltin, xorta waħda għadek issib grupp imdaqqas ta' dilettanti. Anzi, ħaġa tajba li reġa' beda jkun hemm rispett lejn dan it-tip ta' kant u mużika folkloristika. Id-Dipartiment tal-Kultura qiegħed jorganizza festival tal-għana. L-interess qiegħed dejjem jikber, u meta wieħed jara tfal u ġuvintur jikkompetu, iqawwi qalbu għax b'hekk inkomplu nsaħħu t-tradizzjonijiet tagħna lkoll.



Illum ħarġu anke videos u cassettes bl-għana Malti. Il-Maltin jibagħtu dawn il-videos u l-cassettes lill-emigranti qrabathom. Il-Maltin jgħannu ħdejn il-baħar, fis-swali, fuq ir-radju, fuq it-televixin, f'San Girgor, Lapsi, lejlet il-Vitorja u taħt is-siġar tal-Buskett lejlet l-Imnarja. Tradizzjonalment insibu li l-għana kien jintuża waqt xogħol monotonu : mill-bdiewa waqt il-ħsad, fuq il-baħar waqt is-sajd u mill-ħassiela waqt li jogħrku l-ħwejjeġ.

## TLIELAQ TAL-BHEJJEM



Fid-29 ta' Ġunju niċċelebraw il-festa tal-Imnarja. Anke llum in-nies iħobbu jaslu wasla sal-Buskett. Fost affarijiet oħra, wara nofsinhar kienu jsiru tlielaq tal-bhejjem (ħmir, bgħula, dwieb, żwiemel tat-trott u tal-galopp). Ir-rebbieħa kienu jingħataw palju, twil xi 2 metri w nofs bid-damask imwaħħal miegħu. Fil-festa ta' Santa Marija fir-Rabat, Għawdex, isiru wkoll tlielaq tal-bhejjem.

Dawn li ġejjin huma xi wħud mid-drawwiet tipiċi li huma relatati mal-festi Maltin li llum jiffurmaw parti mill-folklor tagħna :



- **ir-Regatta** - tiġrija fil-Port il-Kbir bid-dgħajjes, nhar il-Vitorja, 8 ta' Settembru
- **il-festi** bil-pavaljuni, il-bandalori, il-baned, il-planċier, il-murtali, l-imwejjed tal-qubbajt, it-translazzjoni (purċissjoni lejlet il-festa), il-paniġierku (priedka nhar il-festa filgħodu), marċi, briju, ġiġġifogu (logħob tan-nar tal-art), logħob tan-nar tal-ajru, tiżjin fil-knisja, tiżjin barra
- l-inbid u x-xalar fl-**Imnarja** speċjalment fil-Buskett
- **purċissjonijiet** u pageants fil-Ġimgħa l-Kbira u fil-Milied.

Dawn kollha kienu jsiru fl-antik u għadhom isiru sal-ġurnata tal-lum forsi b'iktar mod professjonali.

## SAJD



Is-sajd hawn min iqisu bħala xogħol u min iqisu biss bħala passatemp. Dawn ta' l-aħħar jissejħu dilettanti. Dawn tarahom jistadu bil-qasba għal sigħat twal speċjalment fis-sajf. Is-sajjieda f'Malta nsibuhom l-aktar f'irħula ħdejn il-baħar, bħal Marsaxlokk. Illum tara wkoll bugħaddasa li jaqbdu ħut kbir bħaċ-ċern.

## KAĊĊA U NSIB



Minħabba l-qagħda tal-gżejjer Maltin f'nofs il-Mediterran bejn l-Ewropa u l-Afrika l-passa ta' l-għasafar minn dejjem kienet suġġett interessanti għalina.

Il-bniedem f'Malta minn dejjem kien interessat u miġbud lejn l-għasafar. Id-dehra u l-għibien tagħhom matul l-istaġuni saħħruh sa minn żmien il-qedem. Iżda din il-ġibda, għax qatt ma kien jaf aħjar, kien u għadu jesprimiha bil-qbid u l-qtil tagħhom. Il-biċċa l-kbira ta' dawk li jinteressaw ruħhom fl-għasafar għadhom iridu jitgħallmu kif japprezzawhom fl-istat naturali tagħhom. Hemm bżonn li jifhmu l-ħtieġa tal-ħarsien tal-għasafar, mhux biss ta' dawk li jbejtu fostna, iżda anki ta' dawk li jżuruna matul il-passa.



Il-kaċċa u l-insib f'Malta minn dejjem kienu popolari u marbutin mal-passa tal-għasafar. Fl-imgħoddi l-kaċċa kienet issir għall-ikel. Barra minn hekk, l-isparar fuq l-għasafar kien ikkontrollat miċ-ċirkustanzi - nuqqas ta' trasport, nuqqas ta' flus fl-idejn, nuqqas ta' ħin liberu, kif ukoll armi u munizzjon inqas effiċjenti minn ta' llum. Dawn iċ-ċirkustanzi m'għadhomx jeżistu bir-riżultat li l-biċċa l-kbira tal-kaċċa llum ssir biss għall-mogħdija taż-żmien u biex jitkabbru l-kollezzjonijiet tal-għasafar ibbalżmati. Minħabba f'dan qed issir qerda kbira ta' ħafna għasafar kull sena. L-insib f'Malta huwa wkoll popolari ħafna u jsir l-aktar għall-għasafar tal-għana u

għall-gamiem. Iżda ħafna oħrajn, l-iżjed żgħażagħ u tfal, jonsbu wkoll għall-pitirrossi. Dan isir kontra l-liġi.

L-osservazzjoni tal-għasafar (*birdwatching*) huwa passatemp li jista' jipprattikah kulħadd, kullimkien u s-sena kollha. Bl-osservazzjoni wieħed jaqbad il-ħin kollu kull mossa, kull ċaqliqa, kull tifsira ta' l-għasafar mingħajr ma ssirilhom l-ebda ħsara. Permezz ta' l-osservazzjoni wieħed jitgħallem dwar l-imġieba ta' l-għasafar, l-ikel li jippreferu, il-bejtiet tagħhom, kif jitimgħu u jrabbu l-frieħ, kif itiru u jpassu, meta u fejn jidhru, l-ambjent li jgħixu fih u ħafna ħwejjeġ oħra nteressanti fil-ħajja ta' kull għasfur.



KONKLUŻJONI – ħafna rġiel kellhom id-drawwa li filgħaxija jinġabru fil-ħanut tax-xorb biex ilegilgu xi qatra, jiltaqgħu mal-ħbieb u joqogħdu jitkellmu. Xi wħud mill-irġiel kienu jispiċċaw f'sakra li ma tarax art u dan kien iwassal għal ħafna ġlied man-nisa tagħhom. Illum il-ġurnata, in-nies huma iktar konxji tal-ħsara li jagħmel l-alkoħol u l-maġġoranza tgħallmu biex ma jsuqux jekk ikunu xurbana.

## It-tfal u l-ħin liberu



It-tfal fl-antik kellhom il-logħob tagħhom ukoll. Billi ma kienx hawn id-dawl elettriku kollox kien jibda u jispiċċa mad-dawl tax-xemx. It-tfal kienu jgħaddu ħafna ħin jilagħbu barra. Kienu jilagħbu l-boċċi, noli, iż-żibeġ, il-passju, u x-xixu. Fis-sajf kienu jtajru t-tajra magħrufa wkoll bħala l-ħamiema. Kienu anke jagħmlu dgħajjes bil-pal tal-bajtar.